# IL-ĦAĠĠ

## Il-Pellegrinaġġ lejn Mekka



بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

**F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin**

Il-ħames att ta' qima Iżlamika huwa t-twettiq tal-Ħaġġ jew il-pellegrinaġġ lejn Mekka. Il-Musulmani jridu jagħmlu dan il-pellegrinaġġ mill-anqas darba f'ħajjithom dejjem jekk jippermettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi u politiċi. Alla l-Omnipotenti jgħid fil-Koran (Quran) Imqaddes:

> "U l-pellegrinaġġ lejn id-Dar huwa obbligu tal-bnedmin — dawk li jistgħu jsibu mezz biex imorru — lejn Alla." (3:98)

Il-punt prinċipali ta' dan il-pellegrinaġġ huwa l-Kaaba — l-ewwel Dar li nbniet għall-qima ta' Alla. Il-Koran Imqaddes isostni:

> "Tassew, l-ewwel Dar imwaqqfa għall-bniedem hija dik ta' Bekka (il-wied ta' Mekka), mimlija benedizzjonijiet u gwida għall-popli kollha." (3:97)

# IT-TWETTIQ TAL-ĦAĠĠ

Il-Ħaġġ isir biss darba fis-sena matul ix-xahar Iżlamiku ta' Żul-Ħiġġah li jiġi xahrejn u għaxart ijiem wara ċ-ċelebrazzjoni ta' Eid-ul-Fitr, li tiġi fi tmiem ir-Ramażan. Jibda fit-tmien jum ta' Żul-Ħiġġah u jibqa' sejjer sat-tlettax-il jum.

# L-ISTAT TA' IĦRAAM

Il-Ħaġġ jitwettaq billi wieħed jidħol fl-istat ta' Iħraam. Fil-mument li l-pellegrin ikun fl-istat ta' Iħraam, irid jinqata' mill-affarijiet tad-dinja. Il-pellegrin irid jevita l-argumenti, it-tilwim jew il-ġlied. L-istat ta' Iħraam jirrikjedi li wieħed ikun liebes biss f'żewġ ložor bla ħjatat. Il-Ħaġġ jew Umrah jista' jitwettaq biss fl-istat ta' Iħraam. In-nisa mhumiex obbligati li jkunu fl-istat ta' Iħraam.

Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

> "Ix-xhur tal-Ħaġġ huma magħrufa sew; għalhekk kull min jiddeċiedi li jagħmel il-Pellegrinaġġ f'dawn ix-xhur għandu jiftakar li m'għandux ikun hemm diskors diżgustanti, vjolazzjoni tal-moralità, jew ġlied tul il-Pellegrinaġġ. U kull ħaġa tajba li tagħmlu, Alla se jkun jaf biha. U sostnu lilkom infuskom bil-provvisti neċessarji, u bla dubju l-aqwa provvista hija l-onestà. U ibżgħu Minni biss, ja bnedmin intelliġenti." (2:198)

# L-ISTADJI TAL-ĦAĠĠ

1. Iħraam.
2. Tawaaf (it-twettiq tas-seba' dawriet tal-Kaaba).
3. Saaji (il-ġiri) bejn Safa u Marwah.
4. Il-waqfien f'Arafah minn Żoħr sa Magrib. Aktar tard, jintefgħu l-ġebel lejn it-tliet kolonni bħala att simboliku li qed jindarab ix-xitan, u jiġu ssagrifikati l-annimali fl-għaxar jum ta' Żul-Ħiġġah, li hu ċċelebrat bħala Eid-ul-Ażħa.

Filwaqt li l-Ħaġġ jista' jitwettaq fid-dati fissi ta' Żul-Ħiġġah, pellegrinaġġ fuq skala iżgħar imsejjaħ *Umrah* jista' jsir b'mod individwali f'kull perjodu matul is-sena.

# EID-UL-AŻĦA

Eid-ul-Ażħa tiġi ċċelebrata fl-għaxar jum tax-xahar ta' Żul-Ħiġġah. Il-Musulmani kollha, irġiel, nisa u tfal jingħaqdu fit-talb tal-kongregazzjoni. Il-Musulmani li jinġabru f'Mekka għall-Ħaġġ joffru s-sagrifiċċji tagħhom fl-okkażjoni ta' Eid-ul-Ażħa. Dan l-att ta' sagrifiċċji tal-annimali huwa ripetut mill-Musulmani mad-dinja kollha.

# L-UNIVERSALITÀ TAL-ĦAĠĠ

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh], Kalifatul-Masiħ IV, jenfasizza b'mod sabiħ ħafna l-importanza u l-universalità ta' dan l-att Iżlamiku ta' adorazzjoni u jikteb:

"Eżempju ieħor li juri l-universalità tat-twissijiet Iżlamiċi li għandhom x'jaqsmu mal-prattika tar-reliġjon huwa l-każ tal-Ħaġġ, il-pellegrinaġġ. Għal darba oħra wieħed isib id-drawwa stabbilita tal-pellegrinaġġ fir-reliġjonijiet kollha tad-dinja, iżda s-siti tal-pellegrinaġġ huma mxerrda f'postijiet differenti f'pajjiż wieħed jew aktar. Wieħed ma jsibx post wieħed ċentrali fejn is-segwaċi ta' reliġjon għandhom iżuru mill-inqas darba f'ħajjithom.

B'meravilja fl-Iżlam dan il-post jeżisti verament f'Mekka, fejn il-Musulmani mid-dinja kollha jinġabru u jqattgħu madwar għaxart ijiem f'dedikazzjoni sħiħa lejn it-tfakkir f'Alla. Il-pellegrini jiġu mill-pajjiżi kollha, min-nazzjonijiet kollha, u jkunu ta' kull razza u ta' kull età. Irġiel, nisa u tfal, jingħaqdu kollha darba fis-sena għal dimostrazzjoni fantastika li ħafna drabi tlaħħaq il-miljuni. Din il-wirja spettakolari ta' universalità ma tidher imkien iżjed fl-ebda reliġjon. B'hekk dawn is-swaba' kollha, li tqajmu f'oqsma differenti tat-tagħlim Iżlamiku, jippontaw għall-istess messaġġ ta' unifikazzjoni tal-bniedem fid-dinja taħt l-Unità ta' Alla.

It-twaqqif tal-pellegrinaġġ jista' jiġi abbinat maż-żmien ta' Abram, il-paċi tkun fuqu. Iżda, hemm dikjarazzjonijiet evidenti ħafna fil-Koran li jiddeskrivuh bħala drawwa antika, li tmur fl-ibgħad żminijiet meta nbniet l-ewwel Dar ta' Alla f'Mekka.

Fi żminijiet imbiegħda Mekka kienet titlissen *Baka*, għalhekk il-Koran Imqaddes jirreferi għall-ewwel dar li nbniet mhux f'Mekka iżda f'Baka. Hija msejħa wkoll *Bait-ul-Ateek*, jew l-aktar dar antika. Abram[as] waqqafha mir-rovini li sab taħt gwida divina, u huwa ngħata l-inkarigu minn Alla biex jerġa' jibniha bl-għajnuna ta' ibnu Ishmael[as]. Huwa l-istess post fejn huwa abbanduna lil martu Ħaġar u 'l ibnu ż-żgħir Ishmael[as], għal darba oħra taħt struzzjonijiet divini. Iżda x-xogħol fuq id-Dar ta' Alla kellu jistenna sakemm Ishmael[as] kiber u seta' jkun ta' għajnuna. Għalhekk, it-tnejn li huma ħadmu flimkien biex jerġgħu jibnu din id-dar u b'hekk il-prattika tal-pellegrinaġġ setgħet titkompla.

Ħafna riti li jsiru waqt il-pellegrinaġġ imorru lura sa dawk il-jiem bikrin tar-rikostruzzjoni tad-Dar ta' Alla, u xi wħud anki aktar bogħod minn hekk. Pereżempju, il-ġiri bejn Safa u Marwah, żewġ għoljiet żgħar qrib id-Dar ta' Alla, isir biex jitfakkar it-tiftix ta' Ħaġar għal xi sinjal ta' preżenza umana biex jgħinu lilha u lil binha f'dik is-siegħa kerha tal-bżonn. Jingħad li t-tifel kien sar nervuż ħafna bis-sofferenza tal-għatx, u qagħad iħabbat għarqubu mal-art bid-disperazzjoni. Hemmhekk, jingħad li feġġet funtana li għadha teżisti sal-lum b'xi forma jew oħra. Aktar tard, twaqqaf bir f'dak il-post partikolari u l-ilma tiegħu huwa meqjus bħala ilma mbierek. Ħafna mill-pellegrini li jwettqu l-Ħaġġ jippruvaw iġibu xi ftit ilma minn hemm bħala barka għal qrabathom u l-ħbieb tagħhom.

Hemm riti u tradizzjonijiet oħra li jistgħu jitfissru fil-qosor. Fil-Ħaġġ il-pellegrini ma jilbsux ilbies meħjut; pjuttost huma jilbsu żewġ lożor imlaħalħin. Dan jindika li din it-tradizzjoni hija qadima ħafna. Turi li l-idea tal-Ħaġġ bdiet meta l-bniedem

lanqas kien għadu tgħallem jilbes ħwejjeġ meħjutin. Kienu għadhom jibdew jgħattu lilhom infushom. Għalhekk jidher li huwa għall-kommemorazzjoni ta' dawk in-nies tal-eqdem żminijiet li kienu jduru mal-ewwel dar mibnija għall-qima ta' Alla f'dak l-ilbies preliminari li l-pellegrini tal-lum huma mitluba li jagħmlu l-istess.

Ukoll, it-tqaxxir tar-ras hija karatteristika importanti li titqies ukoll b'mod universali bħala simbolu ta' dedikazzjoni fost il-patrijiet, il-qassisin, l-eremiti u l-vixnu. Dan ikompli jżid mal-universalità tal-karattru tagħha. In-nisa mhux mistennija li jqaxxru rashom, iżda għandhom jaqtgħu ftit xagħar bħala simbolu.

Barra minn hekk, f'dawk il-postijiet fejn Ħażrat Abram[as] huwa msemmi li ftakar f'Alla qisu maħbub mitluf minn sensih u faħħar 'l Alla b'kant b'vuċi għolja, il-pellegrini huma mitluba li jagħmlu l-istess fl-istess postijiet." (*An Elementary Study of Islam*, pġ. 40-42)

*Stampa: © shutterstock.com*

ISBN: 978-99957-59-26-1

**"Hajj" in Maltese language.**

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** +356 7932 0139 | **Tele:** +356 2734 2401
**Tele:** +356 2132 2105 | **Fax:** +356 2732 2105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyyamalta.org**
**www.ahmadiyya.org.mt**

9 789995 759261